MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# TRIBUNAL GHAT-TALBIET IZ-ZGHAR

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 71/2001/1

**Untours Insurance (Agents & Brokers) Ltd u din ghall-Qatar Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta' James Munro u l-istess James Munro**

**vs**

**Maria Lourdes Gauci**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Dicembru, 2001 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"*It-Tribunal;*

*Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :*

*Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata ghall-hlas ta' erba' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm444.49) danni*

*mgarrba fit-22 ta' Marzu 2000 meta il-vettura EAV 682 misjuqa mill-konvenuta habtet mal-vettura CAP 213 fi Triq San Duminku, Fontana, Ghawdex.*

*Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident.*

*Bl-ispejjex u imghax kontra l-konvenuta mid-data tan-notifika ta' l-avviz inkluz spejjez ta' ittra ufficjali prezentata illum stess kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta fejn il-konvenuta eccepiet:*

*1. illi t-talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' u kundanna lill-eccipjenti ghall-hlas tad-danni mhijiex gustifikata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici;*

*2. illi l-konvenuta mhix responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza billi l-kollizjoni sehhet minhabba imperizja u sewqan non kuranti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Teresa Munro li kienet is-sewwieqa tal-vettura Tipo bin-numru CAP-213 kif ser jigi pruvat ampjament fil-kors tal-kawza;*

*3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ikkunsidra*

*Illi l-ebda rapprezentant tas-socjeta' attrici ma deher ghas-seduti li nzammu fl-4 ta' Dicembru 2001, fl-14 ta' Dicembru 2001 (ghalkemm f'din is-seduta l-avukat tas-socjeta' baghat jitlob ghal differiment, mhux oppost, billi kien indispost), tal-20 ta' Dicembru 2001 u dik tallum;*

*Ghaldaqstant dan it-Tribunal, b'applikazzjoni tal-artiklu 13 (a), tal-Att V tal-1995, jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez, inkluz tal-avukat li ppatrocina lill-konvenuta, ghandhom jigu sofferti mis-socjeta' attrici.*"

Fl-udjenza tal-11 ta' April 2002 l-appellata ssollevat il-punt tan-nullita' tal-procedura ta' l-appell billi dan gie intavolat fir-Registru tal-Qorti ta' Malta meta invece kellu jigi pprezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ai termini tal-Artikolu 41 (7) tal-Kap 12.

Huwa logiku illi qabel kull indagini ta' l-aggravji tas-socjeta' attrici huwa dan il-punt imqanqal mill-konvenuta appellata li ghandu jigi l-ewwel investit.

L-Artikolu 41 tal-Kap 12 in linea generali, jippreciza 'inter alia' l-komposizzjoni tal-Qorti tal-Appell, dipendenti mil-liema qorti jkun qed isir appell quddiemha.  Hekk is-subinciz (1) tieghu jghid li mid-decizjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri taghha (subinciz 5) jridu joqghodu tliet imhallfin.  Mentri fil-kaz ta' appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri taghha (subinciz 6) ghandu jippresjedi imhallef wiehed.

Il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jahseb ukoll biex jakkorda certa facilita' procedurali fil-kaz ta' appelli mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri taghha jew minn decizjoni  ta' xi bord jew tribunal moghtija minn dawn f'Ghawdex.  Il-legislatur dan jaghmlu billi skond subinciz (7) jipprovdi li appelli ta' din l-ghamla jsiru fil-bini tal-Qorti ta' Ghawdex u l-att introduttiv ta' l-appell isir fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Fl-istat tal-ligi qabel l-emendi apportati ghal Kap 12 il-precitat subinciz (7) ma kellux il-kliem agguntivi li ghandu issa u cjoe li jkopri wkoll appelli "*minn sentenza jew decizjonijiet ta' xi bord jew tribunal moghtija minn dak il-bord jew tribunal meta joqghodu f'Ghawdex*".

Kien ghalhekk li d-decizjoni ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, kienet iddeciediet illi s-subinciz (7) ma kienx jghodd ghall-appelli minn decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ("**Kontrollur tad-Dwana –vs- J.T.E. Limited,** 1 ta' Gunju 2000).

Din il-qaghda nbidlet kif inghad fuq, wara d-dhul fis-sehh ta’ l-Att VI ta’ l-2001. L-appell fl-istanza odjerna gie prezentat fl-4 ta’ Jannar 2002 li jfisser ghalhekk wara li l-Att imsemmi dahal ‘in vigore’. Dan l-appell gie intavolat fir-Registru tal-Qorti ta’ l-Appell f’Malta.

L-ezami li jrid isir ghalhekk jikkoncerna l-eccezzjoni tan-nullita’ sollevata u cjoe jekk l-appell interpost ghandux ikun kolpit b’nullita’ gjaladarba l-appellanti ma segwiex id-dettami tal-ligi u ma pprezentax l-appell fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Jinghad in linea ta’ massima illi t-teorija l-aktar accettabbli mill-Qrati, f’kazijiet ta’ nullita’ ta’ l-atti, hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilita’ u mhux in-nullita’ ta’ l-att. Dan in omagg ghal principju illi n-nullitajiet ghad-deficjenzi procedurali ghandhom jigu skoraggiti u fejn hu possibbli l-atti jigu salvati.

Dan il-hsieb, illum aktar minn qabel, hu in armonija mal-innovazzjonijiet u l-aggornamenti procedurali introdotti bl-Att XXIV tal-1995 ghal Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili. Gja fl-imghoddi Qrati differenti, ispirati mill-htiega tat-twettiaq ta’ dak imfisser bhala “*la guistizia del dato caso*”, kienu jharsu, aktar milli lejn il-legalizmu u l-formalizu, “*lejn dak li hu skond il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn mehtieg, moderata mill-principju ta’ l-ekwita’*” (**Vol XXIX pI p1171**; “**Carmelo Meli –vs- Anthony Sammut**”, Appell Kummerc, 22 ta’ Dicembru 1970). Gie emfasizzat per ezempju f’decizjoni ormai sekolari illi l-formalizmu u r-rigorizmu esagerat fil-proceduri gudizzjarji gie abbandunat bhala “*il sistema proprio dell’infanzia del diritto*” – “**Xuereb -vs- Xuereb**”, 2 ta’ Jannar 1883.

Riportat dan ir-ragjonament ghall-kaz de quo ma jidherx li l-eccezzjoni ta’ nullita’ avvanzata mill-appellata timmerita akkoljiment.

Fir-realta’ tal-kaz konkret il-Qorti ta’ l-Appell xelta bl-appell hi dik idonea ghal kliem tal-ligi fit-test ta’ l-Artikolu 41 (6), jigifieri dik li “*tissejjah bhala l-Qorti ta’ l-Appell*

*(Kompetenza Inferjuri)".* Din il-Qorti tibqa' dejjem l-istess wahda kemm jekk l-appell gie introdott fir-Registru tal-Qorti f'Malta u kemm jekk f'dak ta' Ghawdex. Hi l-ghazla tar-Registru u tas-sede li huma zbaljati.

Konsegwentement id-difett procedurali ma jikkolpix il-gurisdizzjoni jew il-kompetenza tal-Qorti adita bl-appell. U tabilhaqq l-Artikolu 741, Kap 12 invokat ma jiccentrax fil-materja. Dan ghaliex, kif 'ex abundantia' spjegat, il-gurisdizzjoni maghzula mill-appellanti tirrivesti dak li trid il-ligi. Li jfisser allura li ma tezisti l-ebda kwistjoni li, konsiderata din ic-cirkostanza, din il-Qorti mhiex ezawtorata milli tkompli tisma u tiehu konjizzjoni ta' l-appell interpost quddiemha.

Il-fatt tal-introduzzjoni ta' l-att f'Registru li mhux konformi ghal dak li ssemmi l-ligi mhiex xi nullita` komminata mill-ligi. Del resto dan il-fatt ma kkreja u ma gab l-ebda pregudizzju lill-appellata li ma jistax jigi rimedjat (Art 789 (c) Kap 12). Dan "*sostanzjalment fis-sens li tpoggiha f'posizzjoni inferjuri fil-kontestazzjoni tat-talba fir-rikors jew tizvantaggjaha a sua volta fid-dritt taghha ghal smiegh xieraq*" (**"Victor Chetcuti –vs- Onor. Prim Ministru et**" (Appell, 27 ta' Frar 1996).

Fic-cirkostanzi l-Qorti sejra tirrespingi l-eccezzjoni sottomessa b'dan illi ser tipprovdi wkoll ghal rimedju in sintonija mal-ispirtu tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni tal-irritwalita' mressqa mill-konvenuta appellata qed tigi rigettata, b'dan illi s-socjeta' appellanti ghandha zmien hmistax (15) tintavola rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala r-Registru tal-Qorti ta' l-Appell fejn titlob li l-appell jigi appuntant u jitkompla s-smiegh quddiem dik is-sezzjoni b'dan ukoll illi fir-rikors titlob li l-atti relattivi jigu mibghuta quddiemha mir-Registru ta' din il-Qorti.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

Dep/Reg

cb